MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1634/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joseph Cachia u Joseph Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u sebgha liri Maltin u tmienja u sitin centezmu (Lm407.68) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ hsarat li l-konvenuti ikkagunaw fuq cable fi Triq il-Kunvent, Zabbar, appartenenti lis-socjeta attrici u dana skond ma kif jidher mir-rapport Dok A u Dok B annessi mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Frar 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 4.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-22 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm407.68,0 bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Frar 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg